MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 399/2004

Francis Scicluna
vs
Joseph u Mary Rose konjugi Domenici

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Illi bis-sahha ta' kuntratt pubbliku tas-sebgha (7) ta' Dicembru elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool (anness mac-citazzjoni u mmarkata bhala Dok. FS1) l-attur kien ta lill-konvenuti b'titolu ta' donazzjoni d-dar bin-numri tmienja u sittin ittra C u tmienja u sittin ittra D t-tnejn inkluzi (68C, D) fi Triq Santa Katerina Zejtun flimkien ma' garage anness maghha li pero` kellu entratura indipendenti ghalih fi Triq Alfred Cachia Zammit iz-Zejtun, konfinanti l-imsemmi garage mit-Tramuntana mal-imsemmija triq, min-Nofsinhar ma' Triq Santa Katerina, mil-Lvant ma' beni tal-

aventi kawza tad-donant, ossia l-attur, soggetti ghac-cens ‘pro rata’ taghhom ta’ hmistax-il lira Maltin (Lm15) jew cens akbar annwu u perpetwu;

Illi bis-sahha tal-istess kuntratt pubbliku l-attur kien ta lill-konvenuti b’titolu ta’ donazzjoni porzjon art mhux fabrikabbli fil-limiti taz-Zurrieq, parti mill-ghalqa maghrufa bhala “il-Gjardin” jew “Misiep il-Gebel” kontrada “tal-Bakkari” konsistenti fi blat moghxi tal-kejl ta’ cirka tomnejn u nofs ossia elfejn u tmien mija u ghaxar metri kwadri (2810m2) jew kejl li fiha, soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ‘pro rata’ taghha minn hames centezmi subcens annwu u perpetwu, libra u franka mill-bqija u tikkonfina mit-Tramuntana u Lvant ma’ triq pubblika bla isem, mil-liema hi accessibli, u mill-Punent ma’ beni tal-konvenuti, kif mahzuza bl-ahmar fuq il-pjanta annessa mal-istess kuntratt pubbliku;

Illi l-konvenuti kienu ingrati lejn l-attur u kienu hatja lejh ta’ mohqrija u ingurju gravi;

Illi l-attur kellu bzonn ta’ ghajnuna li l-konvenuti kienu setghu jaghtuh, izda l-konvenuti kienu cahhduh mill-istess ghajnuna;

Illi ghalhekk l-attur kien irid jirrevoka d-donazzjoni li huwa kien ta a favur il-konvenuti bl-imsemmi kuntratt pubbliku.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, kienu hatja ta’ ingratitudni lejn l-attur; u

2. Konsegwentement tirrevoka u thassar il-kuntratt pubbliku ta’ donazzjoni tas-sebgha (7) ta’ Dicembru elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool.

Bl-ispejjez, u b’riserva ghal kull azzjoni fil-ligi kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

1. Fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju tal-eccezzjoni aktar 'l isfel imsemmija, il-preskrizzjoni specjali ta' sena skond l-artikolu 1790 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi tolqot kull talba ghal revoka u thassir ta' donazzjoni.

2. Illi t-talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress li bl-ebda mod il-konvenuti jew xi hadd minnhom ma kien hati ta' ingratitudni lejn l-attur jew li l-attur kien fil-bzonn u huma kienu naqsu li jaghtuh fil-bzonn tieghu jew illi ma kienux attendew ghall-htigijiet li kellu.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Francis Scicluna</u> li fih issemma li fid-29 ta' Mejju 1961 kien xtara bicca art iz-Zejtun, u fuqha bena dar u garaxx maghha li sa ftit xhur qabel kelha n-numru 68 C u D, Triq Santa Katerina, Zejtun. Hu stess kien bena din id-dar peress li kien bennej. Meta lestiha kien dahal jghix fiha ma' ommu u hutu sal-2001 baqa' jghix fiha ma' ohtu Beatrice. Dak iz-zmien hu kellu 71 sena u ohtu xi sentejn aktar minnu u kienu waslu fi stat li ma kienux kapaci jghixu wahedhom. Hu kien juza l-krozzi

biex jimxi. F'dak iz-zmien Joseph Domenici kien kellmu u staqsieh x'ghandu f'saqajh. Wara qallu li kienu jigu minn xulxin u pprova jispjegalu kif, u kien ukoll offra lil Scicluna biex jghinu. Ix-xhud qal li issa jaf li mhux veru li hu u Joseph Domenici jigu minn xulxin. Zied jghid li Domenici kien gieli jiehdu d-dar ghandu, jaghtih xi platt ikel kulljum u anke mar xi darbtejn mieghu l-isptar. Ix-xhud kien beda jafdah ukoll ghax Domenici kien jghin fil-quddiesa u jitqarben kuljum, kif ukoll kien jifforma parti mill-grupp tal-Karismatici. Dak iz-zmien ix-xhud wera l-apprezzament tieghu lejn Domenici billi tah diversi flus u rigali.

Zied jghid li kellu jsir kuntratt li mbaghad ma sehhx u kawza ta' hekk hu kellu jaghti aktar minn Lm30,000 lura izda hu ma kellux biex ihallas ghax il-proprjeta` kien taha kollha lil Joseph Domenici. Imbaghad infethet kawza kontrieh (Cit. Nru. 85/04TM). Illum il-gurnata ghandu jaghti aktar minn Lm50,000 minhabba li s-somma kibret bl-imghaxijiet. Ix-xhud kien iddecieda li jikteb id-dar tieghu lil Joseph Domenici talli dan kien weghdu li ser jiehu hsiebu, u wara insistenza ta' Domenici kien ukoll accetta li jaghtih porzjoni art maghrufa bhala Il-Gjardin jew Misiep il-Gebel, kontrada tal-Bakkari. Dawn kellhom ikunu donazzjonijiet. Ix-xhud xtaq li jibqa' jghix fid-dar tieghu sakemm imut. Rigward l-art ta' Hal-Far qal li lil Domenici kien gja tah parti ohra minnha fl-1997. Qal li wara li sar il-kuntratt ta' donazzjoni l-attitudni ta' Domenici bdiet tinbidel, u l-attenzjoni li kien jaghti lix-xhud bdiet tonqos, kif ukoll li beda jaghmel pussess shih fuq id-dar li kien jghix fiha x-xhud. Darba minnhom lix-xhud tah attakk zghir u wara li Domenici wasslu l-isptar kien qallu ma riedux jibqa' jghix wahdu d-dar u ghalhekk ix-xhud accetta li jmur joqghod darbtejn ghand certu Anton Deguara u l-granet l-ohra kien imur id-dar tal-Muzew. Ghand Deguara kien ibati ghax kien ikollu jitla' zewg sulari tarag biex jasal ghall-kamra tieghu, u fil-fatt hu kien waqa' darbtejn. Hu lill-familja Deguara kien jaghtihom xi affarijiet u anke flus bhala ringrazzjament. Matul il-gurnata mbaghad kien imur id-dar tieghu. Il-***garage*** ta' mad-dar kien juzah bhala ***workshop***. Darba minnhom mar il-***garage*** u sab li l-konvenut kien sakkar b'katnazz, u Domenici qallu biex ma jkissirx il-katnazz u ma kien irid lil hadd jidhol jghin lix-

xhud. Minhabba din l-attitudni ta’ Domenici u minhabba lil ghand il-familja Deguara kien qed ibati minhaba t-tarag, ix-xhud kellu jmur jghix b’mod permanenti fid-Dar tal-Muzew tas-Samaritani fejn jinsab imdejjaq hafna. Fil-frattemp qal lil Domenici li xtaq jerga’ jmur jghix fid-dar tieghu u qallu wkoll li ried jirrevoka d-donazzjoni u jiktiblu d-dar u l-art fit-testment. Domenici rrispondieh li kien ser ikun hemm wisq spejjez u meta x-xhud baqa’ jinsisti li jrid imur joqghod fid-dar tieghu Domenici beda’ jgib hafna skuzi.

Ix-xhud sar jaf li Domenici ghamel diversi bidliet strutturali fil-fond minghajr ma talab il-kunsens tieghu. Minn dak iz-zmien lil Joseph Domenici ma rahx aktar hlief ghal zewk okkazzjonijiet li kien baghat ghalih ix-xhud. Sostna li issa li veru ghandu bzonnu dan qed jipprova jevitah. Minhaba dan l-inwkiet kollha qal li tawh tliet attaki f’qalbu u meta kien l-isptar il-konvenut qatt ma mar jarah. Hu qal li kull ma jrid hija d-dar tieghu biex jghix fiha u l-porzjon ta’ art Hal-Far biex jifdi d-dejn li ghandu, u l-bqija ma jrid xejn lura minn dak li ta lill-konvenuti.

In kontro ezami l-attur <u>Francis Scicluna</u> qal li minn Settembru 1995 ma kienx jimxi sew, u kien bejn wiehed u iehor dak iz-zmien li ltaqa’ mal-konvenut, li dak iz-zmien ghenu hafna u ghalhekk hu kien jaghmel kuragg jaghtih l-affarijiet. Ix-xhud guvni u ma kellux tfal u hutu xebbiet u wkoll ma kellhomx tfal. Wara kien anke sar hbieb mal-familja tal-konvenut. Mistoqsi kienux iduru bih qal li kienu jehdulu l-ikel. Qal li kien jaf li mart il-konvenut kienet tbati b’xi mard f’riglejha izda ma kellhiex affarijiet kbar. Zied jghid li l-konvenuti qatt ma sawwtuh u Joseph Domenici qatt ma ngurjah b’mod gravi, izda kien hadha bi kbira meta Joseph Domenici kien semma li ried joqtol lill-habib tax-xhud, li ma semmilux ismu. Qal li ma kienx kuntent jghix fid-dar tal-Muzew u ta r-ragunijiet. F’dan iz-zmien qatt ma baghat ittra ufficjali lill-konvenuti. F’dawn is-sena u nofs – sentejn hu kellu bzonn l-ghajnuna ta’ Joseph Domenici izda xorta ma kienx ikkuntattjah u dan minhabba l-azzjoni li kien ghamillu. Rigward il-kuntratt a fol 5 tal-process, qal li ma hemmx imnizzel li Joseph Domenici kellu jaghmel lill-attur obbligu ta’ servigi, izda

dan kien sar biss bil-kliem mill-attur. Qal li kienu ghaddew erba' snin miz-zmien li sar il-kuntratt ghaz-zmien li nqatghu r-relazzjonijiet mal-konvenuti u dahal Joseph Attard.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Attard li fih issemma li hu u martu kienu jafu certu familja Messawri li jirrisjedu Cospicua, u dan billi dawn kienu fil-bzonn u x-xhud u martru kienu jghinuhom b'atti ta' karita u anke b'xogholijiet bhal zebgha. Dak iz-zmien it-tfal ta' Marija Messawri kienu fl-istitut ghax hi ma setghetx izzommhom. F'Novembru 2001 mart ix-xhud qadet parrina fil-Grizma ta' wahda mit-tfal tal-familja Messawri u fil-festin ta' wara ltaqghu mal-attur Scicluna li kien benefattur tal-familja Messawri. Ftit taz-zmien wara li saru jafu lil-lattur, dan qalilhom li kien spicca jghix mal-familja Deguara z-Zejtun peress li min kien jiehu hsiebu kien prattikament gieghelu jitlaq mid-dar tieghu. Hu kien jghix go ***washroom*** li titla' ghaliha b'zewg sulari tarag. Ix-xhud ikkonferma li l-attur Francis Scicluna dak iz-zmien gja kellu l-problemi f'saqajh. L-attur kien talabhom jibdew imorru ghalih u jwasslu il-Muzew u zied jghid li Scicluna kien idum madwar kwarta biex jirnexxilu jinzel it-tarag minhaba l-kundizzjoni li kellu f'saqajh.

Zied jghid li l-attur beda jiftah qalbu maghhom u qalilhom li l-konvenut Domenici kien qallu li ser jiehu hsiebu fi xjuhitu izda wara li l-attur Scicluna kien tah id-dar kif ukoll porzjoni art b'donazzjoni Domenici kien ghamel minn kollox biex ikeccieh minn daru. Scicluna qalilhom li kien ukoll tah hafna rigali u flus izda wara l-konvenut kien abbandunah u issa li kellu bzonn l-ghinuna tieghu ma kienx qed jghinu. Ikkonferma li ghal dawn l-ahhar sena u nofs lill-attur kienu qed jghinuh biss hu u martu, u qal li meta l-attur kien l-isptar kienu jmorru jarawh hu u martu u jehdulu li jkollu bzonn.

Semghet bil-gurament lil Joseph Attard li qal li lill-attur ilu jafu xi 3 – 4 snin. Ikkonferma li skond dak li ntqal fl-affidavit tieghu fol 42 l-attur kien iddahhal l-isptar minhabba mard f'qalbu, u li hu kien prezenti. Ikkonferma

li f'dak il-perjodu hu u martu biss kienu jiehdu hsieb lill-attur.

Gie prezentat affidavit ta' Rita Attard li fih issemma li qrat l-affidavit tar-ragel taghha Joseph Attard f'dak li jikkoncerna lil Francis Scicluna u kkonfermat il-kontenut bhala l-verita` kollha.

Semghet bil-gurament lil Dr. John Attard li gie ezentat mis-sigriet professjonali mill-attur. Dan qal li ilu jaf lill-attur minn mindu dahal fid-Dar tas-Samaritani. Ix-xhud mhux it-tabib tal-post izda hu jara l-pazjenti hemm ghax ikunu jridu huma. Qabel l-2001 ma kienx it-tabib kuranti tal-attur. Qal li l-attur ibati minn infjammazzjoni fl-istonku, ibati bl-***asthma*** u ghandu qalbu ftit ghajjiena. Qal li l-attur ghandu ***chronic heart failure***. L-attur irid jiehu kura regolari minhaba din il-kundizzjoni u jrid jevita l-ansjeta` u ***stress*** fiziku. Ix-xhud skopra li l-attur kellu hafna inkwiet u ma kienx qed jiehu kura ta' anti-dipressivi ghax kien jippreferixxi jiggieled il-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Domenici li semma li saru jafu lill-attur fil-knisja. Imbaghad sar jaf minghand ommu li kienu jigu minn xulxin u qallu b'dan. Huma baqghu jiltaqghu u darba minnhom waqt diskursata l-attur tah ***cheque*** ta' Lm300 biex ikun jista' jmur Lourdes mat-tifel iz-zghir tieghu. Darba minnhom oht l-attur, Katie, hassha hazin u l-attur cemplilhom id-dar. L-attur inkwieta ghax ma kellux min issajjarlu peress li ohtu l-ohra, Bice, ma kenitx tinqala' biex issajjar. Mart il-konvenut qaltlu li ser issajrilhom hi. F'nofsinhar kienu jehdulhom l-ikel jew mart il-konvenut jew ibnu u filghaxija l-attur kien imur jiekol ghandhom u lil Bice kienu jehdulha l-ikel maghhom meta jwassluh id-dar. Darba minnhom oht l-attur Bice kien hassha hazin u x-xhud u martu marru mal-attur l-isptar. Ix-xhud sostna li meta Bice u Katie kienu ghadhom hajjin lil huhom qalulu biex lill-konvenuti jiehu hsiebhom tal-ghajnuna li kienu qed jaghtuhom.

L-attur mar joqghod Dar il-Hanin Sammaritan u x-xhud kien imur ghalih erba' darbiet fil-gimgha u jwasslu fejn ikollu bzonn. Sostna li darba minnhom l-attur hadhom mieghu biex jixtrilhom dar izda ma kienux qablu fuq il-prezz. Wara l-attur kien qalilhom li ried jaghtihom id-dar tieghu, u qalilhom li hu kien komdu d-dar tal-anzjani. L-attur kompla jmur jiekol erba' darbiet fil-gimgha filghaxijiet ghand il-konvenuti, u l-konvenut Joseph Domenici kien iwasslu fejn ikollu bzonn. Darba minnhom Francis Scicluna ha lil Joseph Domenici ghand in-Nutar Dr. Vanessa Pool u sar kuntratt ghax l-attur ried jaghtihom id-dar tieghu, il-***garage*** ta' mad-dar u bicca art Hal-Far.

Ghall-habta ta' Settembru 2001, darba minnhom ix-xhud mar jara lill-attur u dan irrabja ghalih ghax kif sostna l-attur, il-konvenut kien qal kontrieh ma' xi hadd.

Darba minnhom ix-xhud mar id-dar li kien tahom l-attur u sab xi ghamara nieqsa, u ghalhekk kellem lill-attur dwar dan, li min-naha tieghu qallu li hu kien tahom biss id-dar u li l-ghamara kienet ghadha tieghu. Kompla jghid li mbaghad l-attur beda jnaqqas il-kuntatt maghhom u kien qallu biex ma jmurx aktar ghalih id-dar u Marsaxlokk. Ftit zmien wara l-attur baghat ghall-konvenuti u qalilhom li xtaq lura d-dar u l-***garage*** izda l-konvenut kien oppona li jaghtihomlu, ghalkemm qal li hu qatt ma kien keccieh minn daru ghax ic-cavetta baqghet ghandu u hu seta' jidhol meta jrid. Cahad li hu u martu kienu jitolbu rigali lill-attur. Zied jghid li huma kienu talbuh biss mejda u arlogg tal-but. Cahad ukoll li kien heddu b'xi hadd. Qal li hu kien imur ghand in-nies li kellhom jaghtu lill-attur biex jigborlu l-flus. L-attur kien baghatlu c-cavetta tad-dar ma' ommu. Wara li l-attur qata' l-kuntatt minn maghhom ghall-habta ta' Settembru 2001 qatt ma semghu minghandu hlief meta rcevew ic-citazzjoni. Cahad li l-attur kien talab l-ghajnuna taghhom.

Xehed <u>Joseph Domenici</u> u qal li l-post taz-Zejtun kien offrihulhom l-attur u hu qatt ma talabulu. Qal li f'okkazzjoni minnhom l-attur ilmenta li ma setax jidhol fil-***garage*** u ghalhekk ix-xhud u t-tfal tieghu ressqu d-dghajsa biex ikun jista' jidhol. Qal li ma jiftakarx li meta sar il-kuntratt l-attur

qallu li jispera li issa ma jkecciehx minn hemm. Qal li darba minnhom l-attur ried jixtrilu ***van pick-up*** izda hu qallu li bil-karozza li kelu kien moqdi u jkun ahjar juza l-flus biex jirranga d-dar li kien tahom. Qal li dan kien biss suggeriment u mhux talbu l-flus. L-attur kien ha ghalih. F'dan iz-zmien l-attur kien gja joqghod fid-dar tal-anzjani. Semma li diversi drabi mar mal-attur jara proprjeta`. Kompla jghid li l-attur kien offrielu bicca art gewwa Hal-Far. Ra fol 24 li hu l-elenku ta' oggetti li l-attur sostna li ta lill-konvenuti u qabel mieghu hlief ghal haga wahda, u cioe` li l-attur tahom biss proprjeta` wahda Wied il-Ghajn u cioe` l-***garage***.

Qal li hu offrielu li wara li jirrangaw id-dar li tahom hu stess imur joqghod maghhom u jitlaq mid-dar tal-anzjani izda l-attur qallu li ma ried ikun piz ghal hadd. Zied jghid li ma offrilux lill-attur biex jghinu fid-dejn ghax hu m'ghandux dawk il-flus. Ir-raguni ghaliex ix-xhud u l-familja tieghu ghadhom ma dahlux fid-dar taz-Zejtun li tahom l-attur hi ghax m'ghandux finanzi biex jaghmel ix-xogholijiet necessarji. Il-***garage*** ta' Wied il-Ghajn ma bieghhux ghaliex dak ried juzah biex ikollu fejn imur fis-sajf.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Mary Rose Domenici</u> li fih issemma li huma kienu saru jafu lill-attur fil-knisja. Darba minnhom stiednuh ghall-ikel. Darba minnhom oht l-attur Katie hassha hazin u haduha l-isptar, u lill-attur kienu jsajjrulu. Meta mietet Katie lill-attur u lil ohtu baqghu jiehdu hsiebhom u jsajrulhom ix-xhud u l-familja taghha. Ftit taz-zmien wara Bice hassha hazin u l-attur kien cemplilhom. Iz-zhud marret ghar-ragel taghha li kien ***prayer meeting*** u marru ghand l-attur u hemm sabu lit-tabib. Darba fost l-ohrajn l-attur hadhom il-***garage*** u qalilhom jitolbu dak li xtaqu. Ix-xhud talbitu mejda tal-qasab u hu tahielha. Darba xtaq ukll jixtrilhom post minghajr tarag izda ma kienx ftiehem fuq il-prezz. Sostniet li peress li kien sejjer joqghod id-dar tal-Muzew l-attur kien hadhom ghand in-Nutar Dr. Vanessa Pool min rajh biex jaghmel kuntratt u minn dak il-hin qalilhom li l-post kien taghhom u setghu jaghmlu li jridu bih u jbieghuh x'hin iridu. Meta qalilhom hekk kienu ghand in-Nutar. Qalet li kien f'Settembru 2001 meta l-attur qata' minn

maghhom. Huma kienu marru jarawh ghall-habta tal-Milied u l-attur ma qalilhom xejn, anzi kien ha pjacir bihom.

Semghet bil-gurament lil Rose Domenici li qalet li xehdet dwar l-ghamara. Ziedet li ma dahlux jghix fil-post li tahom l-attur ghax ma fihx dawl u ilma u ma kellhomx flus biex jirrangawh. Qalet li r-ragel taghha kien jakkumpanja lill-attur biex jixtri xi artijiet. L-attur kien ukoll tahom bicca art Hal-Far u ***garage*** Wied il-Ghajn u Lm300 biex il-konvenut imur Lourde ma' ibnu izda cahdet li kien tahom post f'Wied il-Ghajn. Ziedet li meta l-attur kien jaghtihom xi bicca proprjeta` l-ispejjez kollhga kien ihallashom hu. Semmiet ukoll xi affarijiet ohra li tahom l-attur u li dawn tahomlhom minn rajh.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***(1) Eccezzjoni fuq il-preskrizzjoni***

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna hija s-segwenti. Illi l-partijiet f'din il-kawza zviluppaw hbiberija. L-attur wara, li rcieva ghajnuna minghand il-konvenuti minhabba l-eta` anzjana tieghu ta d-dar tieghu, bin-numru 68 C, u D, fi Triq Santa Katerina, z-Zejtun, flimkien mal-garage konfinanti, b'titolu ta' donazzjoni, u bis-sahha ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool datat 7 ta' Dicembru 1998. U bis-sahha ta' l-istess kuntratt pubbliku, l-attur kien ta lill-konvenuti wkoll porzjon art, mhux fabrikabbli fil-Limit taz-Zurrieq , b'titolu ta' donazzjoni. Illi l-attur sostna li l-konvenuti kienu ingrati lejh, u hatja ta' ingurji gravi, u ghaldaqstant, talab ir-revoka tal-kuntratt pubbliku imsemmi hawn fuq.

Illi l-konvenuti ecceppew preliminarjament, l-preskrizzjoni specjali ta' sena skond l-artikolu 1790 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta , u kif ukoll li t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-konvenuti mhumiex hatja ta' ingratitudni lejn l-attur.

Illi l-Artikolu 1790 (1) tal-Kap 16 jiddisponi li:
"It-talba ghat-thassir ta' donazzjoni minhabba ingratitudni ma tistax issir hlief sa zmien sena minn dak inhar tal-fatt li

d-donatur igib kontra d-donatarju jew minn dakinhar li d-donatur seta' jsir jaf b'dak il-fatt."

Illi l-attur sostna fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-azzjoni mibdija minnu tressqet fiz-zmien li messha tressqet ghaliex il-kawza hija dwar id-dar tieghu, u skond il-kronologija tal-fatti kif graw, il-kawza giet ipprezentata fi zmien sena fejn jirrigwarda t-tgawdija tad-dar tieghu.

Illi madankollu, hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, il-piz ghalhekk jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. (Ara **Guido Vella vs Emmanuel Cefai,** Appell Civili, deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, u **Victor Portelli vs Mark Psaila,** Qorti Civili, Prim' Awla deciza fid-29 ta' Mejju 2003). Il-konvenut semma li Scicluna qata' l-kuntatti ghall-habta ta' Settembru 2001 (a fol 84). Ix-xhud Joe Attard qal li ltaqa' ma' l-attur f' Novembru 2001, u li wara xi zmien beda jiehu hsiebu hu, u kkonferma li hu u l-mara tieghu kienu l-unici nies li kienu jiehdu hsieb l-attur, sena u nofs, sentejn qabel Gunju 2004 ( a fol 73). Illi l-attur in kontro-ezami xehed li ghaddew erba' snin miz-zmien li sar il-kuntratt pubbliku, sakemm inqatghu r-relazzjonijiet ma' Joseph Domenici u martu. (a fol 75).

Jibda biex jinghad, li f'kull kaz li tittella' eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa mehtieg li fl-ewwel lok, jigi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tibda titqies. Dan skond id-dispozizzjonijiet generali tal-ligi, li jenuncjaw il-principji li jirregolaw il-preskrizzjoni, u proprju skond l-Artikolu 2137 tal-Kap 16. Dan l-artikolu jghid hekk:
"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

Ghalhekk, huwa dmir tal-Qorti li tqis dan il-fatt krucjali, ghaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, il-Qorti trid awtomatikament tichad l-eccezzjoni. (Ara **Victor Quintano vs Georgina mart Francis Calleja et,** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 1993). Fil-kaz in

ezami, mill-kumpless tal-provi prodotti, ma jirrizultax data minn mindu ghandha tibda titqies il-preskrizzjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

***(2) Eccezzjoni dwar il-meritu***

Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur, saret referenza ghall-artikolu 1787 tal-Kap 16 li jiddisponi, li d-donazzjoni ma tistax tithassar minhabba ingratitudni, hlief f'wiehed jew iehor mill-kazijiet elenkati f'dawk id-dispozizzjonijiet.

F'dan il-kuntest, ser jissemmew l-aspetti guridici necessarji fir-rigward ta' donazzjoni. Apparti l-kwistjoni ta' l-aspett oggettiv tal-materja, ossija tal-att materjali, li f'dan il-kaz, certament jezisti, galadarba l-immobbli in kwistjoni gew donati lill-konvenuti permezz ta' kuntratt pubbliku, d-donazzjoni tirrikjedi wkoll bhala element essenzjali taghha, l-aspett soggettiv, ossija l-prova ta' l-animu tal-liberalita`. Illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li biex kuntratt jigi ritenut li huwa donazzjoni, jehtieg li jkun hemm attwalment l-"animus donandi". (Ara **Albert Fiorentino vs Rebecca Attard** deciza mill-Qorti ta' l-Appell, fid-19 ta' Mejju 2004, u **Carmela mart Grezzju Vella et vs Giorgio Zahra** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 1963, u **Rosina Gauci vs Antonia Borg** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fl-4 ta' Frar 1965).

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Pace vs Rosaria Caruana et** , deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-17 ta' Ottubru 1949, ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni, huwa mehtieg: (1) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta` li jiddona u jizvesti ruhu immedjatament, u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona."

Hawnhekk, ta' min ighid ukoll li fil-kawza **Carmelo Grima vs Maria Vella et**, deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1949, inghad:

"illi huwa risaput li skond id-dottrina, fid-donazzjonijiet ma hemmx lok ghad-dritt ta' l-ezercizzju tar-retratt. Infatti, l-**Corradino,** wara li jesponi li skond it-teorija ta' Jasone, anke fid-donazzjonijiet jezisti d-dritt ta' l-ezercizzju tar-retratt, ighid, **"verior tamen opinio est, quod in donazione nulla competit pruelatio, quia non potest praelationem petens aliquid praestare, neque aestimutionem solvendo satisfacit, cum contrahentes noluerint vendere sed donare, ut communiter defendunt doctores."**

Fir-rigward ta' dak allegat mill-attur fl-affidavit tieghu, fejn qal li wara hafna insistenza da parti tal-konvenut accetta li huwa jaghti d-dar tieghu flimkien ma' bicca art, u dan biex jibqa' jiehu hsiebu sakemm imut. Min-naha l-ohra, l-konvenuti sostnew li li d-donazzjonijiet da parti ta' l-attur saru kollha minn jeddu. Ix-xhieda ta' bejn il-partijiet hija kunfliggjenti, anke fir-rigward ta' kif waqfu l-kuntatti u l-hbiberija ta' bejniethom, jidher li nghataw zewg verzjonijiet.

Ghalhekk, wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza, ma thossx li l-attur irnexxielu jipprova kif hu mistenni li kien hemm insistenza, pressjoni, jew li l-kuntratt kien simulat. Anzi, jidher li kien hemm l-"***animus donandi***" kif rikjest mil-ligi tant li sar il-kuntratt pubbliku, u l-attur hallas anke l-ispejjez tal-kuntratt. Illi l-attur innifsu kkonferma li fil-kuntratt pubbliku (a fol 5 sa 7) m'hemmx imnizzel li l-konvenut kellu jaghmillu xi obbligu ta' servigi. Id-donatur qal li kien qallu biss il-kliem, "Nispera li issa ma tkeccinix" ( a fol 75).

Ghalhekk jirrizulta li d-donazzjoni saret bil-formalita`rikjesta mil-ligi, bl-elementi essenzjali, biex jigi trasferiti l-immobbli bit-tiolu ta' donazzjoni. U jirrizulta li d-donatur Scicluna, wara li beda tilwim bejn il-partijiet, u r-relazzjoni ta' hbiberija ma baqghetx fl-istess andament ta' qabel, kien tenna lil Domenici stess li xtaq jirrevoka d-donazzjoni, biex dan ta' l-ahhar ma jibqax juri ingratitudni lejh. L-attur kien semmielu li minflok seta' jiktiblu d-dar u l-art permezz ta' testment ( a fol 26). L-attur sostna li d-

donazzjoni ghandha tithassar jew tigi dikjarata nulla skond l-artikolu 1787 (b). Dan l-artikolu jipprovdi li:
"Jekk id-donatorju jkun volontarjament, u bil-hsieb li jaghmel deni lid-donatur, ghamel hsara kbira fil-proprjeta` ta' dan, jew ippregudikalu hafna l-interessi tieghu."

Illi fi kwalunkwe kaz, sabiex ikun hemm dikjarazzjoni li sehhet hsara kbira fil-proprjeta`, li d-donatur ta lid-donatarju, bil-hsieb li jaghmillu d-deni jew li jipregudikalu l-interessi, irid ikun hemm provi cari. Illi mill-ezami tal-provi, ma jirrizultax li dan gie ppruvat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad it-talbiet ta' l-attur.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, thoss li ghandha tilqa' t-tieni eccezzjoni ghar-ragunijiet fuq imsemmija ghax ma rrizultax li l-konvenuti bil-hsieb li jaghmlu deni lid-donatur ghamlu hsara kbira fil-proprjeta` ta' dan jew ippregudikaw l-interessi tieghu jew li l-attur kien fi bzonn u huma naqsu li jaghtuh fil-bzonn tieghu. Ghalhekk it-talba attrici hija michuda.

Spejjez zewg terzi (2/3) ghall-attur u terz (1/3) ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------